

Brussell, 18 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0004(COD)

15477/1/18
REV 1 ADD 1

CODEC 2311
SOC 781
EMPL 586
SAN 468

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa bis-siġh id-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol u l-proċess ta' ffissar tal-limiti tal-Kummissjoni, li jinvolve proċess ta' valutazzjoni bir-reqqa li jikkunsidra fatturi xjentifiċi, tekniċi u soċjoekonomiċi u l-fehmiet tal-partijiet interessati, inkluż is-sħab soċjali.

Ir-Renju Unit jirrikonoxxi l-punti ta' tħassib leġittimi li jeżistu rigward l-esponiment għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil u l-esponiment għal dawn l-emissjonijiet ilu soġġett għal kontrolli fir-Renju Unit għal aktar minn 20 sena. Madankollu, limiti vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali għandhom jiġu inklużi biss fid-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni ladarba jkunu temmew b'suċċess il-proċess ta' ffissar tal-limiti. Ir-Renju Unit jiddispaċih li dan il-proċess ma kienx segwit fl-iffissar ta' limitu vinkolanti ta' esponiment okkupazzjonali għal karbonju elementali bħala markatur għal emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil. Filwaqt li r-Renju Unit jibqa' jappoġġa azzjoni biex jindirizza l-esponiment għall-emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil, aħna ma nistgħux nappoġġaw il-mod li bih dan il-limitu ġie stabbilit u għalhekk ma nistgħux nappoġġaw din il-bidla għad-Direttiva.
